**Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 190 tal-22 ta' Ottubru 2014, għar-rigward tal-inforzar jew le tar-Ruling mogħti fis-Seduta 189 tal-21 ta' Ottubru 2014 per konsegwenza tal-każ imqajjem mill-Onor. George Pullicino fil-konfront tal-Onor. Konrad Mizzi, Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa**

Is-Sedja qiegħda tagħmel referenza għar-*ruling* mogħti minnha fis-seduta 189 tal-bieraħ 21 ta' Ottubru, 2014 u dan fir-rigward tal-każ imqajjem mill-Onor. George Pullicino fil-konfront tal-Onor. Konrad Mizzi, Ministru għall-Enerġija u Saħħa, fejn tat din id-deċiżjoni, u naqra:

> "Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li l-Ministru Konrad Mizzi għandu jirtira l-kliem:
>
> "Taf kemm jgħidu fuqek kull negozjant li jeżisti f'Malta?"
>
> u dan fil-konfront tal-Onor. Pullicino. Jekk jiġi rtirat, is-Sedja tieqaf hemm u l-każ huwa magħluq.
>
> Fin-nuqqas ta' dan, allura l-Ministru Konrad Mizzi jkun qed jassumi hu r-responsabilità totali tal-allegazzjoni u allura huwa mistenni minn din is-Sedja li jrid jikkorraboraha.
>
> Jekk imbagħad jonqos milli jagħmel dan, u ma jikkorraborax l-allegazzjoni li jżomm ferm hu din l-allegazzjoni, is-Sedja ma jkollha l-ebda alternattiva fiċ-ċirkostanzi li ssib lill-Ministru Konrad Mizzi ħati ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Pullicino u għalhekk imbagħad ikollha tirreferi din il-materja lill-Kumitat dwar il-Privileġġi. Dan dejjem b'appell aħħari f'dan l-istadju u biex tiġi evitata eskalazzjoni ulterjuri u li jirrenja l-bon sens għal dan ir-rimedju kif indikat mis-Sedja f'dan ir-*ruling*."

Eżattament wara li s-Sedja tat id-deċiżjoni tagħha hija talbet lill-Ministru Konrad Mizzi biex huwa jispjega x'se jagħmel u nikkwota x'qal l-Onor. Konrad Mizzi:

"Qabel ma nagħmel l-i*statement* tiegħi nixtieq niċċara, u se ngħidha bl-akbar responsabbiltà - forsi l-*Whip* tagħna, l-Onor. Carmelo Abela jispjega daqsxejn - li ma jistax jiġi riferut ksur ta' privileġġ f'dan il-każ."

Hawnhekk ġie msejjaħ l-Onor. Carmelo Abela li qal hekk:

"Naturalment m'iniex se nidħol fir-*ruling* li tajt inti però bil-permess tiegħek u b'kull rispett nixtieq ngħid li l-Onor. George Pullicino m'għamel l-ebda talba għal ksur ta' privileġġ, jiġifieri talab spjega fuq dak li kont qed tgħid inti."

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

"Kollox sew. Is-Sedja tista' hi stess tagħmel riferenza għaliha però korrettement kif qed tgħid inti għandu jagħmel riferenza għall-i*Standing Order 60.* Jien nixtieq inkun naf x'inhi l-pożizzjoni tal-Ministru ħalli nagħlaqha din."

Hawnhekk reġa' qam l-Onor. Carmelo Abela li qal hekk:

"Imma lbieraħ ma kellna l-ebda talba għal ksur ta' privileġġ, biex nagħmluha ċara."

Aktar tard l-istess Onor. Carmelo Abela reġa' qal:

"Mr Speaker, bil-permess tiegħek, it-talba ċara u tonda, u għamilt tajjeb inti anke li kkwotajt dak li qal il-Prim Ministru lbieraħ meta staqsa lill-Onor.

> Pullicino biex jgħidilna eżatt x'inhu l-*point of order* jew inkella l-oġġezzjoni tiegħu, imkien l-Onor. Pullicino m'għamel Ksur ta' Privileġġ. Jiġifieri t-talba li għandna quddiemna hija *Standing Order 60."*

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

> "Onor. Abela, dik m'għandekx għalfejn tiddiskutiha għaliex dwarha naqblu jiena u inti. Imma r-ruling huwa ċar li qsamtu fi tlieta. Hemm diversi rulings fuq dan il-punt meta s-Sedja tista' wkoll tapplika l-Ksur ta' Privileġġ. Però jiena f'dan il-mument nixtieq inkun naf min-naħa tal-Ministru Konrad Mizzi hux se jirrispetta d-deċiżjoni tas-Sedja jew le, daqshekk biss."

Dan il-punt fejn is-Sedja għandha dritt li tinvoka l-Kap 113 għalhekk joħroġ ċar kif intqal fl-istess seduta tal-bieraħ wara l-qari tal-istess ruling.

Qabel ma tmur biex tittratta l-kwestjoni dwar jekk l-Onor. Konrad Mizzi ssostanzjax l-allegazzjoni tiegħu jew le, ladarba, kif se ngħid aktar 'il quddiem, huwa ddeċieda li ma jirtira xejn minn dak li ġie indikat mis-Sedja biex jirtira, is-Sedja xorta sejra tidħol biex tissolleva mill-ewwel il-punt li tqajjem dwar jekk kellhiex dritt tara jekk hemmx każ ta' *prima facie* Ksur ta' Privileġġ fil-konfront tal-Ministru Konrad Mizzi, u dan għall-kjarezza ta' din il-proċedura.

Is-Sedja tibda biex tgħid li dan il-punt kien diġà ġie mistħarreġ meta ġiet biex tagħti *ruling* fis-seduta 31 tas-17 ta' Ġunju, 2013. Dakinhar, għalkemm kien hemm talba taħt l-Ordni Permanenti 60 is-Sedja kienet iddeċidiet illi:

> "Sakemm ma jirrenjax l-ispirtu u l-bonsens u l-ispirtu parlamentari f'din il-Kamra allura s-Sedja qiegħda ssib li hemm *prima facie* Ksur ta' Privileġġ fil-konfront taż-żewġ membri msemmija u għalhekk qed titlob li l-partijiet

imsemmija u ċjoè li l-Onor. Mario Galea u l-Onor. Coleiro Preca biex jirtiraw il-kliem indikati. Fin-nuqqas ta' dan is-Sedja qed tirreferi l-partijiet imsemmija lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi."

Din id-deċiżjoni kienet marbuta mal-fatt li għalkemm ir-*ruling* jista' jintalab taħt *Standing Order 60,* is-subartikolu 11(1) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati Kap 113 jgħid hekk:

"Meta l-iSpeaker ikun *prima facie* jidhirlu li persuna, sew jekk tkun Membru tal-Parlament sew jekk le, tkun għamlet xi wieħed mill-attijiet imsemmijin fis-subartiklu (4), huwa għandu jirriferi l-kwestjoni lill-kumitat imwaqqaf skont l-artikolu 7 u li jkun magħruf bħala l-Kumitat tal-Privileġġi. L-espressjoni *prima facie* tfisser li lment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza jew fl-i*Standing Orders* tal-Kamra tad-Deputati jew ta' xi riżoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati dwar attijiet imsemmija f'subartikolu (4), u m'għandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza."

Dan ifisser li biex iżżomm l-ordni s-Sedja dejjem għandha d-dritt li *sue sponte* tapplika wkoll il-provvedimenti relattivi tal-Kap 113. Is-Sedja għandha d-dritt li ladarba jkun hemm ksur ta' xi regolament li jaqa' taħt l-i*Standing Orders,* u ċertament artikolu 60 huwa wieħed mill-i*Standing Orders* li kien ċitat fir-*ruling* mitlub mill-Onor. George Pullicino, is-Sedja tista' tagħmel riferenza għall-artiklu 11, subinċiż (4) tal-Kap 113 li jindika dak li għandu jiġi mitqies bħala reat taħt dan l-Att, u naqra mill-paragrafu (b) tas-subinċiż (4):

"Kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed

> mill-membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew ta' nuqqas ta' qima ..."

Irid jingħad ukoll li minn eżami li għamlet is-Sedja, jirriżulta li kien hemm istanzi oħra fil-passat fejn minkejja li t-talba ma kenitx għal ksur ta' privileġġ, is-Sedja kif diversament preseduta, kienet xorta waħda rrikorriet għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha. Hawnhekk insemmi:

> *Ruling* mogħti mill-Ispeaker Lawrence Gonzi f'Seduta 207 tat-2 ta' Marzu 1989, fejn l-Ispeaker indika li eżamina t-talba għal *point of order* fid-dawl tal-poteri mogħtija lilu bis-saħħa tal-imsemmija Ordinanza, fost oħrajn; u

> *Ruling* mogħti mill-Ispeaker Michael Frendo f'Seduta 358 tat-2 ta' Ġunju 2011, fejn l-Ispeaker irrefera għall-Ordinanza, speċifikament dak li jgħid Artiklu 11(4) dwar nuqqas ta' qima fil-konfront tal-Kamra jew ta' xi membru tagħha.

Dan ifisser li s-Sedja kienet korretta meta applikat il-provvedimenti tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati li hija l-liġi li ċertament hija liġi superjuri għall-istess *Standing Orders* li japplikaw ukoll għall-istess liġi kif emendata. Dan ifisser ukoll li s-Sedja kellha kull dritt li tagħti xelta ta' sanzjonijiet lill-Ministru Konrad Mizzi, liema xelta kienet l-ewwel titlob lill-Ministru Konrad Mizzi biex jirtira l-kliem indikat mis-Sedja u fin-nuqqas ta' dan, biex jassumi hu r-responsabbiltà totali tal-allegazzjoni u titolbu jikkorraboraha.

Fis-seduta tal-bieraħ meta l-Ministru Konrad Mizzi beda jindirizza l-Kamra fuq stedina tas-Sedja, kien hemm *point of order* mill-Onor. Francis Zammit Dimech fejn qal:

"Bir-rispett kollu, is-Sedja tat direzzjoni ċara kif għandu jaġixxi l-Ministru Konrad Mizzi. Il-Ministru Mizzi għandu jqum u jgħid jirtirax id-diskors jew le, mela jipprova jispjega d-diskors iktar!"

Kien hawnhekk li s-Sedja rrispondiet minnufih, u nikkwota:

"Is-Sedja taf x'inhi tagħmel. Onor. Zammit Dimech, grazzi ħafna talli tajt id-direzzjoni, però s-Sedja taf x'inhi tagħmel.

Onor. Ministru, nitolbok tkompli fil-qosor. Id-direzzjoni tiegħi qiegħda ċara. Ma jimpurtax tagħmel *statement* żgħir. Id-deċiżjoni hija ċara. Il-kliem "Taf kemm jgħidu fuqek kull negozjant li jeżisti f'Malta?" se tirtirah jew le? Nibdew minn hemmhekk."

Hawnhekk il-Ministru Konrad Mizzi wieġeb hekk:

"Le, għandi dritt għall-ispjegazzjoni. Nixtieq nispjega ruħi."

Kien hawnhekk li l-Ministru Konrad Mizzi, fuq domanda tas-Sedja reġa' qal:

"Le mhux qed nirtirah, Mr Speaker."

Għaldaqstant is-Sedja mbagħad għaddiet għat-tieni parti tad-deċiżjoni mogħtija l-bieraħ u stiednet lill-Ministru biex jissostanzja u jikkorrabora l-allegazzjonijiet li huwa għamel fil-konfront tal-Onor. George Pullicino. Is-Sedja semgħet dak kollu li qal l-

Onor. Konrad Mizzi u rat ukoll id-dokumenti li huwa esebixxa, liema dokumenti se jiġu indikati wieħed wara l-ieħor flimkien mal-punti saljenti li huwa qajjem. F'din il-parti tas-seduta intqal hekk:

"**ONOR. KONRAD MIZZI:** Se nispjega ruħi. Nibda billi nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ittra li rreferejt għaliha l-bieraħ taħt il-*watch* tal-Onor. George Pullicino meta kien Ministru kien ingħata kuntratt, fejn waqt l-*evaluation* tal-kuntratt il-*bidder* kien tana ittra mill-bank li prattikament ma kenitx minnha, jiġifieri dan kien bank li lanqas baqa' jeżisti, kien inbidel.

**MR SPEAKER:** Onor. Ministru trid tissostanzja l-parti dwar in-negozjant.

**ONOR. KONRAD MIZZI:** Mr Speaker, dawn għadni ġej għalihom. It-tieni punt li xtaqt inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra – għaliex il-bieraħ kien hemm daqsxejn ta' diżgwid u affarijiet mhux ċari – hu li dan il-kuntratt ingħata mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li kien responsabbli għalih il-Ministru George Pullicino, mhux mill-Ministeru tal-Finanzi u mhux mill-ebda ministeru ieħor. Il-*feed-in tariff* ingħatat mill-ministeru li kien responsabbli tiegħu l-Onor. George Pullicino, saret *evaluation,* ipproponewha l-*consortium* u l-ministeru tiegħu fil-5 ta' Settembru – u din se npoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra – aċċetta l-*feed-in tariff.* Apparti minn hekk, se nikkwotalek ukoll: *"This is to confirm that Government has accepted your offer in respect of the above mentioned tender and she'll be placing a contract with the consortium at the rate of €0.2295 (twenty two cents ninety five), excluding VAT. This Letter of Intent is intended to create a legally binding contract between parties.* Dan qabel l-MRA lanqas ressaq karta fuq il-*feed-in tariff* mill-MRA. Chris Ciantar, il-*Permanent Secretary,* ir-*right hand man* tal-Onor. Pullicino ....."

Aktar tard il-Ministru Konrad Mizzi qal hekk:

"Iva, għandi aktar, Mr Speaker. Hawnhekk għandi stqarrija min-negozjanti Solarig li prattikament rebħu l-kuntratt, li hawnhekk qegħdin jgħidu bl-iktar mod ċar li l-Ministru George Pullicino *in their visit personally delivered the award letter.* Jiġifieri f'Settembru l-Ministru mhux talli ma kienx jaf bih il-kuntratt, talli tahulhom hu u dan se npoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra."

Aktar tard il-Ministru Konrad Mizzi qal hekk:

"Mr Speaker, jien nassigurak li malli tlajna fil-gvern ċempluli ħafna negozjanti fuq dan il-kuntratt, fetħuli għajnejja ħafna nies. Għall-ewwel forsi tisma' mbagħad tgħid: Possibbli? Imbagħad meta bniedem beda jisma' aktar u aktar fuq dan il-kuntratt irreferejna l-każ lill-IAID, l-*Investigations Unit.* L-IAID qalilna li t-*tenderers* ta' dan il-kuntratt kellhom *a lot of administrative shortcomings* u l-aktar ħaġa kienet li kellhom ittra ta' bank li kienet probabbilment mhux vera, mhux veritiera. Agħar minn hekk qalulna li *tenders* oħrajn, li ħafna minnhom qatgħuhom 'il barra mill-bidu u dawn huma kollha negozjanti li bbiddjaw. Kellhom l-istess *requirements* u lilhom qatgħuhom 'il barra u kumpanija oħra ħallewha ġewwa, għal xi raġuni jew oħra, fuq affarijiet żgħar, bħal li ma ppreżentawx il-*financial statements*.

Mela din il-kumpanija li rebħet ma ppreżentatx dokument ta' bank u ppreżentat wieħed li forsi mhux veritier u kumpaniji oħrajn fuq affarijiet żgħar qatgħuhom 'il barra. Dan li qaluli n-negozjanti, però mhux hekk biss. In-negozjanti qaluli wkoll li dawn mhumiex it-tip ta' kuntratti li jingħataw u li huma *fair* ma' min jidħol għalihom. In-negozjanti ta' veru jafu li kull naħa tinnegozja l-aħjar interess tagħhom, però jafu li dan it-tip ta' kuntratt mhux *fair* għall-poplu Malti u Għawdxi. Dan huwa *one sided contract* u min ibbenefika ma nafx. Nistaqsi min ibbenefika."

Hawnhekk is-Sedja staqsiet lill-Ministru Konrad Mizzi jekk kellux aktar xi jżid dwar il-kwestjoni tan-negozjanti:

"**MR SPEAKER**: Is-Sedja qed tagħtik il-ħin minħabba ... Fuq din tan-negozjanti, din għandek xi tgħid?

**ONOR. KONRAD MIZZI:** Le, Mr Speaker, jonqosni xi ħaġa oħra.

**MR SPEAKER:** X'inhi l-ħaġa l-oħra?

**ONOR. KONRAD MIZZI:** Kieku n-negozjanti kienu qed jinnegozjaw min-naħa tal-Gvern, qaluli li żgur ma kenux jaqblu ma' dan it-tip ta' kuntratt. U jien meta rajt ir-rapport tal-IAID mill-ewwel għedt: Kif jista' jkun li ħaġa bħal din issir taħt gvern modern u suppost trasparenti? Però meta rajt l-imġiba tal-Onor. George Pullicino lbieraħ li ntilef kompletament, irrealizzajt u rrinforzajt kemm huma veri u kemm huma serji dawn l-akkużi."

Hawnhekk is-Sedja staqsiet lill-Ministru Konrad Mizzi:

"Ministru, baqagħlek xi dokument ieħor?"

u l-Ministru Konrad Mizzi qal:

"Le, dak huwa l-i*statement* tiegħi, in-negozjanti qaluli…"

Hawnhekk is-Sedja reġgħet staqsiet:

"Ministru, is-Sedja se tagħmillek domanda. ....... Jiġifieri inti wasalt għal din il-konklużjoni "Taf kemm jgħidu fuqek kull negozjant li jeżisti f'Malta" abbażi ta' dan l-i*statement* li għamilt issa?"

Hawnhekk il-Ministru Konrad Mizzi wieġeb:

"Iva, Mr Speaker."

Imbagħad l-Onor. George Pullicino qal hekk:

"Mr Speaker, l-Onor. Konrad Mizzi ġie hawnhekk jippreżenta ritratt, mingħalih sab is-sigriet ta' Fatima jew is-sigriet ta' Lourdes. Ir-ritratt li għadu kemm ippreżenta hu ritratt uffiċjali tad-Dipartiment tal-Informazzjoni. Jiġifieri mhux il-każ li jien għamilt xi ħaġa bil-ħabi. Kull dokument li ġie ppreżentat huwa dokument pubbliku. Jien ma kelli x'naqsam xejn fl-aġġudikazzjoni u nirrepeti, in-nies li kienu fuq il-Kumitat li għamlu l-aġġudikazzjoni huma nies li wħud minnhom għadhom saħansitra konsulenti tal-istess Ministru u allura m'għandix aktar xi nżid f'dan l-istadju."

Kien hawnhekk li s-Sedja mbagħad qalet hekk:

"Is-Sedja, wara li semgħet lill-Ministru Konrad Mizzi, lill-Onor. Carmelo Abela, lill-Onor. Francis Zammit Dimech u fl-aħħar nett lill-Onor. George Pullicino, wara li ġew ippreżentati diversi dokumenti, se tistudja d-dokumentazzjoni u t-traskrizzjoni tal-lum biex imbagħad tkun tista' tara hi jekk timxix fuq it-tielet parti tar-*ruling* jew le."

u ċjoè li jgħid hekk:

"Jekk imbagħad jonqos milli jagħmel dan, u ma jikkorraborax l-allegazzjoni, li jżomm ferm hu din l-allegazzjoni, is-Sedja ma jkollha l-ebda alternattiva fiċ-ċirkostanzi li ssib lill-Ministru Konrad Mizzi ħati *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Pullicino u għalhekk imbagħad ikollha tirreferi din il-materja lill-Kumitat dwar il-Privileġġi. Dan dejjem b'appell aħħari f'dan l-istadju u biex tiġi evitata eskalazzjoni ulterjuri u li jirrenja l-bon sens għal dan ir-rimedju kif indikat mis-Sedja f'dan ir-*ruling*."

Is-Sedja, wara li qrat dan kollu, wara li eżaminat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Onor. Ministru Konrad Mizzi, li huma:

1. Ittra tal-5 ta' Settembru mibgħuta lil *Alberta Photovoltaic Consortium*, *Alberta*, San Ġwakkin *Road*, Imrieħel, iffirmata mis-Segretarju Permanenti Christopher Ciantar li taqra hekk:

*"Letter of Intent: Invitation to tender for the granting on lease of the rooftops of certain public buildings in Malta for the purpose of establishing PV systems thereon, for the production of electricity from such systems and its sale to the distribution system operator.*

*This is to confirm that the Government has accepted your offer in respect of the above mentioned tender and shall be placing a contract with the Consortium for the rate of €0.2295 (twenty two cents ninety five) per kWh excluding VAT. This Letter of Intent is intended to create a legally binding contract between the parties.*

*Once the contract is signed, its terms and conditions will retrospectively govern the work carried out by you pursuant to this Letter of Intent.*

*You will be contacted later on for the signing of the Concession Agreement.*

*Yours faithfully,*
*Dr Christopher Ciantar*
*Permanent Secretary"*

2. Dokument ieħor li jidher li hi stqarrija maħruġa mis-soċjetà *Solarig* intitolata "*Solarig reinforces its position in Malta after signing the Concession Agreement for the construction and operation of 4.5MW and the creation of a Control & Analysis Centre, Valletta, Malta, 13 December 2012*" li taqra hekk:

"*Solarig confirms an investment of over 10 million euros in PV installations after signing the concession agreement with the Maltese Government for the construction of 4,5 MW of Photovoltaic Installations and the recent creation of a Control and Analysis Centre in the Mediterranean island last July.*

*Solarig, a multinational photovoltaic company, will develop more than 45 rooftop PV installations (≈67,000 square meters) on Maltese public buildings, after signing the Concession Agreement in consortium with a Maltese company, for the technical design, construction and operation of these facilities. The installations to be developed totalize a capacity of approximately 4,5MW and are located in several government owned buildings, such as Ministries, hospitals, reservoirs and schools, which the Maltese Government has identified as adequate areas.*

*The Concession Agreement was preceded by an award letter, personally delivered by the Resources and Rural Affairs Minister, Mr. George*

*Pullicino, during the International Renewable Energy Agency (IRENA) Conference held in Malta last September and in which it was discussed the use of renewable energy in isolated territories, such as islands. The Minister remarked that the development of this photovoltaic installations, included under the Maltese Government energy strategy, represent an excellent option for meeting the targets set for 2020. This plan aims to achieve by 2020 a 10% renewable energy generation in the country.*

*In addition, Solarig selected Malta for the creation of its Control & Analysis Center, that supports all installations managed by the group in different countries and which is in operation since last July.*

*The creation of this center was motivated by the need to centralize and optimize all configuration, control and coordination processes, such as the standardization of all procedures, the establishment of control system's common parameters, the global monitoring of all video surveillance systems or the optimization of resolution and response timings. The final purpose is getting better energy production data and therefore an over performance result.*

*The recently created Control & Analysis Center joins all know-how and experience acquired by Solarig. It supports the different installations that the company manages and facilitates the access and competitiveness in new PV markets due to its worldwide integrated structure.*"

3. Dokument ieħor, li huwa komunikazzjoni li tidher bl-isem ta' Bancaja, minn Caja de Ahorros de Valencia, Castellón y Alicante, indirizz: Zapateria 42, 42002 Soria, Spanja, telephone 975 233 073, datat 9 ta' Frar 2012 li jaqra hekk:

"*To whom it may concern,*

*This is to notify that the company SOLARIG Holding S.A. (and all the controlled and owned companies) has the liquidity needed to undertake the MRRA/M/9/2009 PV project in Malta up to approximately 4.5MW during the next 2 years. SOLARIG has maintained a banking relationship with us for the last 3 years without any incidence. We know of SOLARIG's international business plan and its capacity to develop international solar projects.*

*Yours sincerely"*

Imbagħad hawnhekk hawn timbru tal-Bancaja bin-numru ENT.:2007 SUC:1211.9 u taħt hemm miktub "Fdo. F. Javier Alonso Hidalgo, *Soria Branch Manager*."

4. Ir-raba' dokument li ġie ppreżentat huwa ritratt bil-kulur, fejn f'nofsu jidher il-Ministru George Pullicino.

Jidher li l-Ministru Konrad Mizzi pprova jikkorrabora dak li qal fil-konfront tal-Onor. George Pullicino, "Taf kemm jgħidu fuqek in-negozjanti", għall-fatt li skont hu:

"Jien nassigurak li malli tlajna fil-gvern ċempluli ħafna negozjanti fuq dan il-kuntratt, fetħuli għajnejja ħafna nies."

Wara hemm dak li qal il-Ministru Konrad Mizzi, li diġà ġie kkwotat mis-Sedja.

Dak li spjega l-Ministru Konrad Mizzi fuq dan il-kuntratt - li kif diġà stqarr hu diġà qiegħed f'idejn il-Pulizija, u li ovvjament diġà ġie indikat fl-istqarrija li għamel kemm fis-seduta tal-bieraħ u anke waqt id-dibattitu li sar aktar kmieni din il-ġimgħa - jikkonċerna l-kuntratt innifsu, li huwa taħt investigazzjoni, u li fil-fatt s-Sedja diġà għamlet referenza għalih fid-deċiżjoni tagħha. Li kellu jagħmel il-Ministru Konrad Mizzi mhuwiex biss li jagħti dettalji dwar dan il-kuntratt - li ċertament għadu ferm 'il bogħod minn proċeduri li jwasslu għas-*sub judice* u dan peress li għadu fi stadju inizjali tal-investigazzjoni - imma kellu joħroġ b'korraborazzjoni biex jipprova għalfejn huwa għoġbu li jwaqqa' l-qima ta' wieħed mill-Membri tal-Parlament billi jattakkah b'mod negattiv kif fil-fatt għamel, u li ladarba l-allegazzjoni ried jagħmilha tiegħu, ried jassumi r-responsabbiltà u jissostanzja dak li effettivament huwa ma rtirax.

Is-Sejda, wara li semgħet lill-Ministru Konrad Mizzi u wara li rat din id-dokumentazzjoni li, ħlief il-kelma tal-Ministru Mizzi li qed jgħid li kellmuh xi negozjanti, tara li minnha ma joħroġ l-ebda ħjiel ta' korraborazzjoni fuq negozjanti jew nies oħra li jitkellmu b'mod negattiv fil-konfront tal-Onor. George Pullicino. Fl-ebda mument ma toħroġ il-prova li l-fatt li kellmuh negozjanti fuq dan il-kuntratt ifisser li n-negozjanti li kellmuh kienu qed jitkellmu fil-konfront tal-Onor. George Pullicino; sempliċement bdew jgħidu, kif qal hu, li tħallew barra għaliex skont huma ma kellhomx ċertu *requirements* - min iddeċieda fuq it-*tenders* qatgħuhom 'l barra għal xi raġuni jew oħra bħal li ma ppreżentawx *financial statements*. Dan fih innifsu mhuwiex korraborazzjoni ta' dak li kien qed jattribwixxi fil-konfront dirett tal-Onor. George Pullicino.

Għaldaqstant is-Sedja, b'dan biss li ppreżenta fl-istqarrija tiegħu lbieraħ l-Onor. Konrad Mizzi, ma hix sodisfatta li l-Onor. Ministru għamel il-korraborazzjoni rikjesta, u għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi billi issa tmur għat-tielet parti tar-*ruling* li tat l-istess Sedja fis-Seduta tal-bieraħ li tgħid hekk:

> “Jekk imbagħad jonqos milli jagħmel dan, u ma jikkorraborax l-allegazzjoni li jżomm ferm hu din l-allegazzjoni, is-Sedja ma jkollha l-ebda alternattiva fiċ-ċirkostanzi li ssib lill-Ministru Konrad Mizzi ħati *prima facie* ksur ta’ privileġġ fil-konfront tal-Onor. Pullicino u għalhekk imbagħad ikollha tirreferi din il-materja lill-Kumitat dwar il-Privileġġi.”

Effettivament is-Sedja issa qed issib lill-Ministru Konrad Mizzi ħati *prima facie* ta’ ksur ta’ privileġġ fil-konfront tal-Onor. George Pullicino, u għalhekk qiegħda tirreferi l-materja lill-Kumitat dwar il-Privileġġi biex jistħarreġ il-każ.